MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 207/2013

Seduta ta’ nhar il-Gimgha (29) ta’ Novembru 2013

Rikors Numru 207/13 FDP

Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid 218/13 fl-ismijiet

**Joseph u Mary konjugi Zahra**

**vs**

**Michelle Spiteri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippresentat minn Carmel Dominic Spiteri fl 24 ta' Gunju 2013 fejn huwa ppremetta illi kien gie servut bil-Mandat ta' Qbid mahrug kontra t-tifla tieghu u meritu tar-rikors odjern fil 21 ta' Gunju 2013, meta l-Marixxalli tal-Qorti marru gewwa l-hanut tieghu, 'Water Colours', Dawret il-Gzejjer, Bugibba, u bdew jezegwixxu l-Mandat fuq l-oggetti li jinsabu fil-hanut tieghu.

Huwa ppremetta illi, it-tifla tieghu hija maggorenni u tghix independentement mir-rikorrent, u il-hanut huwa tieghu u t-tifla Michelle Spiteri ma ghandha ebda titolu fuq il-hanut jew oggetti fl-istess hanut.

Zied jghid illi huwa gab dana kollu a konjizzjoni tal-Marixalli izda dawna komplew bil-qadi ta' dmirijiethom u ghalhekk, sabiex iwaqqaf lill-istess milli jkomplu jezegwixxu l-Mandat, huwa ghadda biex hareg cekk fl-ammont ta' sitt elef, disgha mija u wiehed u sebghin Euro, u sebgha u erbghin centezmu (€6,971.47), liema somma flus giet depositata mill-Marixxalli tal-Qorti fir-Registru tal-Qorti in ezekuzzjoni ta' l-obbligi tieghu.

Ir-rikorrent sahaq illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma kwalsiasi dejn illi setghet ghamlet bintu maggorenni Michelle Spiteri u li ghalhekk il-Mandat ta' Qbid li kien ezegwit gewwa il-hanut tieghu ma kellhux isir.

Ghalhekk, huwa talab lill dina l-Qorti sabiex:-

1. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex ma jawtorizza ebda zbank tal-flus depositati f'idu;
2. Tiddikjara illi l-esponent huwa estraneju ghal kull litigazzjoni in segwitu tal-kawza 'Joseph u Mary konjugi Zahra vs Michelle Spiteri', Rik Nru 123/13CSH, deciza fl-14 ta' Dicembru 2012'
3. Tirrevoka, a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap 12, tirrevoka, contrario imperio, id-digriet tal 4 ta' Frar 2013 li akkordat il-hrug ta' MAndat ta' Qbid gewwa il-fond Watercolours, Dawret il-Gzejjer, Bugibba
4. Tordna lir-Registratur sabiex jirrilaxxja is-somma ta' sitt elef, disgha mija u wiehed u sebghin Euro, u sebgha u erbghin centezmu (€6,971.47) depositati fir-Registru tal-Qorti permezz ta' cedola Nru 1123/13

Rat ir-risposta tal-konjugi Joseph u Mary Zahra ippresentata fl 10 ta' Lulju 2013 fejn ippremetta illi l-proceduri adoperata hija irritwali peress illi tikkontjeni talba fil-konfront tar-Registratur tal-Qorti li ma kienx parti fil-kawza. Ippremetta wkoll illi l-azzjoni odjernia hija irritwali

ukoll peress illi talab kemm ghar-revoka tal-Mandat a tenur tal-Kap 281 kif ukoll ghat-talba ta' l-izbank tal-flus depositati.. Finalment ippremetta illi la darba ir-rikorrent iddeposita l-flus fil-Qorti sabiex iwaqqaf l-effetti tal-Mandat, issa ma jistax jitlob illi jiehu lura l-flus.

Dwar il-meritu, l-intimati sahqu illi ma kienx minnu li bintu ma kellha ebda konnessjoni mal-hanut tar-rikorrenti u dana billi stqarru li "Din Michelle Spiteri tigi wara kollox bint ir-rikorrent Carmel SPiteri u tghix mieghu u m'ommha". Apparti minn hekk, huma sahqu ukoll illi ppruvaw jaghmlu Mandat in Procinctu kontra Michelle Spiteri izda dana fallihlhom ghax il-Qorti kienet qalitlhom sabiex jestingwu l-azzjonijiet kollha l-ohra a disposizzjoni taghhom qabel ma jaghmlu tali Mandat in Procinctu.

Semghat ix-xhieda ta' **Carmel Dominic Spiteri** in ezami u kontro ezami moghtija fil 15 ta' Novembru 2013.

Semghat it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi r-rikors odjern huwa rizultat ta' Mandat ta' Qbid mahrug mill-konjugi Joseph u Mary Zahra kontra Michelle Spiteri, bint Carmelo Dominic Spiteri, wara sentenza illi huma kienu ottjenew kontra taghha fl 14 ta' Dicembru 2012.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi Michelle Spiteri kienet giet innotifikat fil-hanut tal-genituri taghha ossija 'Water Colours', Dawret il-Gzejjer, Bugibba. Illi kien ghalhekk illi l-intimati konjugi Zahra ghaddew biex jipprocedu bil-hrug ta' Mandat ta' Qbid fil-fond tal-genituri taghha, ossija il-hanut taghhom.

Illi l-Qorti tista tifhem illi la darba kienu qed jinnotifikaw lill-Michele Spiteri gewwa il-fond ossija hanut tal-genituri taghha, inkluz missierha ir-rikorrent, allura setghu hasbu illi l-istess Michelle Spiteri kellha l-hanut fejn ghazlu illi jaghmlu il-Mandat ta' Qbid, izda, huwa ghal kollox

zbalorditiv kif l-intimati Zahra, u aktar u aktar, il-konsulenti legali taghhom, wara illi raw il-proceduri odjerni, ghazlu illi jinsistu bil-Mandat ta' Qbid taht il-pretest illi Michelle Spiteri hija binthom u tghix maghhom u ghalhekk ma kien hemm ebda raguni ghaliex ma jaghmlux il-Mandat ta' Qbid fil-fond tar-rikorrent.

Illi ma huwa b'ebda mod ikkontestat illi Michelle Spiteri hija maggorenni u ma huwa b'ebda mod ikkontestat ukoll illi l-hanut fejn gie ezegwit il-Mandat ta' Qbid meritu tar-rikors odjern huwa propjeta mikrija unikament lir-rikorrent Carmel Domnic Spiteri u martu Theresa Spiteri.

Illi ghalhekk, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-Mandat ta' Qbid meritu tal-kawza odjerna, ghalkemm ezegwit kif trid il-Ligi, ghandu jigi revokat peress illi ma hemm ebda ness bejn it-titolu ezekuttiv illi l-intimati konjugi Zahra ghandhom kontra Michelle Spiteri u il-fond fejn gie ezegwit il-Mandat meritu tal-kawza odjerna, ossija 'Water Colours', Dawret il-Gzejjer, Bugibba.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrent, fir-rikors promotur tieghu, ghamel erbgha talbiet differenti sabeix jigu kkunsidrati mill-Qorti.

L-ewwel talba hija sabiex il-Qorti tordna lir-Registratur ma jizbankax il-flus iddepositati fil-Qorti filwaqt illi r-raba talba hija sabiex il-flejjes depositati fil-Qorti jigu rilaxxjati favur ir-rikorrent. Il-Qorti tinnota, l-ewwel u qabel kollox, illi dawna huwa zewgt talbiet intrinsikament opposti u ghalhekk huwa kemmxejn difficili illi fl-istess rikors jitlobhom flimkien. Madanakollu, il-Qorti tirrileva illi l-proceduri odjerni illi hija qieghda tikkunsidra huma dawk tal-Mandat ta' Qbid u mhux tal-flejjes iddepositati permezz ta' Cedola ta' Depositu 1123/13. Ghalhekk dawna t-talbiet ma jistghux jigu kkunsidrati minn dina l-Qorti fil-proceduri odjerni, peress illi huma proceduri illi ghandhom isiru fl-atti tac-Cedola ta' Depositu u mhux fl-atti odjerni.

It-tieni talba hija sabiex il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent huwa totalment estraneju minn kull litigazzjoni ghal

proceduri "Joseph u Mary konjugi Zahra vs Michelle Spiteri" Rik Nru 123/12 deciz fl 14 ta' Dicembru 2013. Il-Qorti tara illi ma huwiex il-mansjoni taghha illi toqghod tiddikjara dak illi huwa manifestament ovvju u li kellu jkun hekk lir-rikorrenti. L-okkju tal-kawza huwa car u il-Qorti ma ghandha bzonn taghmel ebda dikjarazzjoni kif mitlub mir-rikorrent.

It-tielet talba hija dik ghar-revoka u thassir tal-Mandat ta' Qbid meritu tar-rikors odjern in kwantu dana jirrigwarda l-ezekuzzjoni tieghu gewwa il-fond 'Water Colours', Dawret il-Gzejjer, Bugibba, u dana a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap 12. Il-Qorti, kif gia qalet, ma ghandha ebda dubju illi hemm ragunijiet sufficjenti illi l-Mandat meritu tal-kawza odjerna jigi revokat in kwantu jirrigwarda l-ezekuzzjoni tieghu fil-fond tar-rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi qieset il-fatti kollha tal-kaz u semghet ix-xhieda tar-rikorrent

Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti u tirrevoka, contrario imperio, id-digriet tal-Qorti datat 4 ta' Frar 2013 illi bih akkordat il-Mandat ta' Qbid jigi ezegwit gewwa il-fond tar-rikorrenti 'Water Colours', Dawret il-Gzejjer, Bugibba

Filwaqt illi tastejni milli tkompli tiehu konjizzjoni tat-talbiet l-ohra tar-rikorrenti

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimati Joseph u Mary konjugi Zahra.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------